Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

tal-1 ta' Ottubru 1976

li tippreskrivi dispożizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw stħarriġ biex jistabbilixxi l-potenzjal produttiv ta' pjantaġġuni ta' ċerti speċi ta' siġar tal-frott li għandu jsiru mill-Istati Membri

(76/806/KEE)

(ĠU L 285 , 16.10.1976, p. 34)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Commission Decision 81/434/EEC of 7 May 1981 (*)	L 167	22	24.6.1981
►**M2**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/206/KEE tat-12 ta' Marzu 1987	L 80	37	24.3.1987

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-1 ta' Ottubru 1976

li tippreskrivi dispożizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw stħarriġ biex jistabbilixxi l-potenzjal produttiv ta' pjantaġġuni ta' ċerti speċi ta' siġar tal-frott li għandu jsiru mill-Istati Membri

(76/806/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPREJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/625/KEE tal-20 ta' Lulju 1976 li tikkonċerna l-isħarriġ statistiku li jsir mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-potenzjal produttiv tal-pjantaġġuni ta' ċerti speċje ta' siġar tal-frott ([1]), u partikolarment l-Artikoli 2(1) B, 2 (1) Ċ u 9 miġjub fih,

Billi, wara l-esperjenza akkwistata waqt l-istħarriġ ta' qabel ta' pjantaġġuni ta' siġar tal-frott, il-klassifikazzjoni statistika tal-karatteristiċi tekniċi li għandhom jiġu mistħarrġa kif speċifikat fl- l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 71/286/KEE tas-26 ta' Lulju 1971 li tikkonċerna stħarriġ statistiku li għandu jsir mill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu l-potenzjal produttiv ta' pjantaġġuni ta' ċerti tipi ta' siġar tal-frott ([2]) għandha tinżamm bla ħsara għall-ċerti emendi sabiex jiżguraw li l-statistiċi huma kontinwament adattati għall-kondizzjonijiet ekonomiċi;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Istrutturi Agrikoli;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-klassijiet statistiċi li jirrelataw għall-età tas-siġar u d-densità ta' pjantaġġun msemmija fl-Artikoli 2(1) B u 2 (1) Ċ tad-Direttiva tal-20 Lulju 1976, jidhru fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 218, tal-11.8.1976, p. 10.
([2]) ĠU L 179, tad-9.8.1971, p. 21.

▼**M2**

L-ANNESS

KLASSIJIET TA' ETAàU DENSITà

(a) Il-klassijiet li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti:

	Tuffieħ, lanġas	Ħawħ, berquq	Larinġ, lumi u ċitru tal-frott żgħir
Età tas-siġar (fi snin)	0 – 4 5 – 9 10 – 14 15 – 24 25 u aktar	0 – 4 5 – 9 10 – 14 15 – 19 20 u aktar	0 – 4 5 – 9 10 – 14 15 – 24 25 – 39 40 u aktar
Densità tal-pjantaġġuni (siġar/*ha*)	Anqas minn 400 400 – 799 800 – 1 599 1 600 u aktar	Anqas minn 300 300 – 399 400 – 599 600 – 799 800 u aktar	Anqas minn 250 250 – 374 375 – 499 500 – 624 625 – 749 750 u aktar

(b) Għal imsaġar tat-tuffieħ u l-lanġas ta' densità għolja, l-Istati Membri jistgħu jergħu jaqsmu l-klassi ta' '15 - 24 senabiex jiffurmaw dawn iż-żewġ klassijiet li ġejjin:

"15 - 19-il sena"

"20 - 24 sena"